MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2012

Numru 82/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Rod Cini**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Rod Cini ta’ 29 sena bin John u Lorenza nee’ Vassallo imwieled Pieta’ fl-04 ta’ April 1982 u residenti Blokk A 16 Flat 2 Telghet Rahal Gdid Paola u detentur tal-karta tal-identita’ numru 220182(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’Dicembru 2011 u fil-gimghat u x-xhur ta’ qabel, b’mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u/jew laptop, ghad-dannu tas-socjeta’ Intercomp Marketing Limited, ai termini ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ laptop li jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tas-socjeta’ Intercomp Marketing Limited, ai termini ta’ l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai termini ta’ l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini ta’ l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta' Jannar 2012 (esebit a fol.5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-23 ta' Novembru 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat l-fatt ukoll li hallas lura parti sostanzjali mill-ammont dovut.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 293, 183, 184 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-

Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett(3) snin millum u bil-kundizzjoni li sa zmien sitt(6) xhur millum ihallas lill-Intercomp Limited is-somma ta’ erba’ mija u sitta u disghin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€496.26).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------